ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 2

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IT-TMIEN SENA IL-MALTI (L-ORAL) KARTA 1

IL-KARTA TAL-ISTUDENTI

1A: Il-Qari Mgħajjat 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra parti minn din is-silta. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.

Is-silta: ĦADDIEMA BARRANIN F'MALTA

Ta' spiss tisma' min jgħidlek u min jilmenta li f'Malta hawn wisq barranin u li qegħdin ftit ftit jisirqu l-identità tagħna. Mhux sigriet li f'dawn l-aħħar ftit snin il-barranin f'pajjiżna żdiedu sew.

Ħafna mill-barranin li jiġu jgħixu Malta, jiġu biex jaħdmu. Sa ftit snin ilu l-maġġoranza tal-ħaddiema barranin f'pajjiżna kienu dawk l-immigranti irregolari li jiġu mill-Afrika li magħna l-Maltin ħafna drabi huma kollettivament magħrufa aktar b'terminu razzist li jirreferi għall-kulur tal-ġilda tagħhom. Illum ma' dawn ġew il-bojod u l-ġinġrin, għax ġew it-Taljani, l-Ungeriżi, is-Serbi, is-Slovakki u minn pajjiżi oħra, kemm jekk fl-Unjoni Ewropea u anke le. Ma' dawn tara mbagħad għad ta' Filippini u Ċiniżi.

Donnu l-Maltin ċerti xogħlijiet m'għadhomx iridu jagħmluhom u minflok qed jissejħu għalihom il-barranin. Fir-restoranti sar diffiċli ferm biex issib wejter Malti. Dan meta f'żgħożiti, pereżempju, konna kulħadd bil-pika min se jsib dak ix-xogħol fis-sajf f'restorant jew bar. Illum ħlief barranin, ħafna minnhom mil-Lvant tal-Ewropa, ma tarax. Fil-qasam tal-bini ħafna drabi l-imgħallem ikun Malti u l-ħaddiema jkunu barranin. Xogħlijiet oħra bħal ġbir ta' skart u xogħlijiet ta' tbatija jew skariġġ kollha qed isiru mill-barranin. Jekk tmur sal-ajruport jew l-isptar tara li l-ħaddiema tat-tindif tal-kuntrattur huma kollha Filippini jew Ċiniżi. Jekk tmur ġo wieħed mis-supermarkets ewlenin f'pajjiżna ssib li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema huma wkoll barranin, ħafna minnhom Taljani.

(silta ta' Dr Kevin Monpalao li dehret fi *newsbook.com.mt* fit-30 ta' Awwissu 2019)

1B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżaminatur. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. X'messaġġ irid iwassal l-awtur b'dan l-artiklu?
2. X'kuntrast taħseb li l-awtur irid joħloq fit-tieni paragrafu?
3. Għal min taħseb li qed jirreferi meta jsemmi lill-"bojod u l-ġinġrin"?
4. F'dan l-artiklu l-awtur jagħtina x'nifhmu li l-Maltin saru jagħżlu liema xogħlijiet jagħmlu. Taqbel? Għaliex?
5. L-awtur tal-artiklu għadu żagħżugħ. Taqbel? Għaliex?

1Ċ: It-Taħdit: Diskussjoni dwar Tema 4 minuti / 5 marki

Il-ħaddiema barranin u x-xogħol f'pajjiżna

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Mal-eżaminatur ser tiddiskuti t-tema li tidher hawn fuq. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt li tiddiskuti t-tema. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-argument tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.